MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 903/2003

**Stephanie Mifsud**

**Vs**

**Vanna Chircop**

**It-Tribunal**

Ra t-talba ta` l-attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' sitt mija, wiehed u disghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmi
(Lm 691.93), rapprezentanti valur ta' konsenja ta' merkanzija, konsistenti fi zraben, cintorini, kalzetti u oggetti ancillari, debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta li ghalihom il-hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula u minkejja r-rikonoxximent ta` l-istess konvenuta illi tali hlas kien dovut.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Ra l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta li qalet li t-talbiet ta` l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta qatt ma xtrat merkanzija minghand l-attrici kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra lli b'nota pprezentata fl-24 ta' Novembru, 2004 giet sollevata eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni ai termini ta` l-artiklu 2148 (b) tal-Kap.16 u cioe' li dan il-bejgh kien bl-imnut u li ghalih jezisti t-terminu statutorju preskrittiv ta' tmintax-il xahar u li dan it-terminu ghadda.

Ezamina d-dokumenti li gew prezentati fl-atti tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' Stephanie Mifsud, Vanna Chircop, l-Ispettur Anthony Cassar u l-*affidavit* ta' l-Avukat Gavin Gulia kif ukoll ta' Vanna Chircop.

Ra illi t-talba ghal hlas ta' konsenja ta' merkanzija konsistenti fi zraben, cintorini, kalzetti u oggetti ancillari, debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta gew fil-fatt ikkonsenjati bejn is-sena 1998 u s-sena 1999. Illi t-talbiet imsemmija mill-attrici gew michuda mill-konvenuta kemm fir-risposta u kemm fix-xhieda taghha fejn intqal illi hija qatt ma xtrat ebda zraben jew indumenti ohra kif mitluba. Il-konvenuta ziedet tghid illi fl-imghoddi l-attrici kienet selfitha somom ta' flus b'rati ta' imghaxijiet ghola minn dak permess bil-ligi li kienet halset izda l-attrici ppretendiet iktar. Il-konvenuta qalet ukoll illi hija kellha xi oggetti tad-deheb mirfuha ma` l-attrici li gew misruqa u li l-ammont tad-deheb li kien insteraq kien ferm aktar mill-flus dovut .

Illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2007 waqt il-*kontro ezami* tal-konvenuta l-avukat ta` l-attrici pprezenta ittra legali li ndika illi seta` kien hemm possibbilita' ta' transazzjoni fil-kawza. Izda fil-fehma tat-Tribunal, dik il-prova migjuba mill-attrici

ma kienetx ammissjoni da parti mill-konvenuta li nxtraw xi zraben jew indumenti ancillari.

In-natura tat-talba hija konsenja bl-imnut. Dawn l-allegati konsenji ta’ zraben u indumenti ancillari skond dokumenti ezebiti jidhru li saru bejn 1998 u l-1999. Il-konvenuta cahdet illi hija xtrat iz-zraben u l-indumenti ancillari skond it-talba u qalet ukoll illi meta xtrat xi affarijiet mill-hanut ta` l-attrici hija dejjem halset ghalihom.

Illi l-provi pprezentati mill-attrici huma noti personali ta` l-attrici mhazza fuq bicca karta. Dawn il-provi, skond l-attrici kellhom ikunu konferma ta’ bejgh u konsenji ta’ zraben u indumenti ancillari lill-konvenuta u li ammontaw ghal Lm 691.03.

Sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta tal-vertenza ta’ din il-kawza, it-Tribunal ha joqghod fuq il-provi migjuba quddiemu .

Illi l-allegati konsenji saru bejn l-1998 u l-1999. Il-konvenuta dejjem sostniet illi dawn il-konsenji qatt ma saru mill-attrici. Illi l-attrici ma gabet ebda prova li tinterrompi l-preskrizzjoni ai termini ta` l-art 2148(b) tal-Kap. 16.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jirrileva lli skond il-provi migjuba quddiemu it-talba attrici mhux biss ma gietx ippruvata izda hija preskritta ai termini ta` l-artiklu 2148(b) tal-Kap. 16.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu ta` l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------